Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 151/2018

Il-Pulizija

Vs

David Cassar

Illum 16 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant David Cassar detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 491193M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-05/09/2016 ghall-habta ta' 08:10hrs fi Sqaq ta' Bir il-Kbir, Siggiewi, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBR-106:

1. B'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura nru TAXI 110M u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Marco Gauci.
2. Minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata biex isuq din il-vettura.

3. U meta kien involut fl-istess accident tat-traffiku (bumper to bumper), naqas li jaghti kull informazzjoni siewja ta' l-incident fuq dik il-formola mahsuba ghal dan il-ghan.

4. Kif ukoll meta kien involut f'incident tat-traffiku ma' vettura numru TAXI 110M naqas li jieqaf.

5. Meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi u/jew naqas li jirraporta l-imsemmi incident lill-pulizija jew Gwardjan Lokali.

Ukoll talli fil-5 ta' Settembru, 2016 ghall-habta ta' bejn 18:30hrs u l-19:00hrs li Triq il-Kbira, Qormi saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBR 106;

6. Minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura.

7. Naqas li jwahhal il-licenzja fuq ix-xellug tal-windscreen.

8. Saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurtà dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

9. Aktar talli kkommetta reat li kien taht ordni ta' Probation (Art. 7 Kap 446), liema sentenza nghatat mill-Mag Dr. Doreen Clarke LL.D. nhar it-13 ta' Gunju 2016, u liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta; Art 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; L.S. 65.11; u Regolamenti 67(1)(2) u 67(1)(5) tar-Regolamenti Dwar Vetturi bil-Mutur (MVR), illiberat lill-imputat mit-tieni u s-sitt (2 u 6) akkuza, sabitu hati tal-akkuzi l-ohrajn kollha multa komplessiva ta' €3,000 u sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar minn nofs il-lejl

tallum.

Fir-rigward tad-disa' (9) imputazzjoni, wara li rat kif inghad l-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikli 49, 50, 261(ċ)(e)(ġ), 267, 269 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, trattat mal-imputat dwar ir-reati li taghhom instab hati permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti kif ippreseduta mill-Onor. Magistrat Doreen Clarke tat-13 ta' Gunju 2016, li permezz taghha tqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet snin minn dakinhar tas-sentenza, daqs li kieku ghadu kif gie misjub hati minn jew quddiem din il-Qorti u filwaqt li ghal kull buon fini kkonfermat tali htija, ikkundannat lill-hati ghall-piena ta' tmintax-il xahar (18) prigunerija effettiva.

B'kollox ghalhekk il-hati gie kkundannat ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija u €3,000 multa kif ukoll tnax-il xahar sospensjoni mill-licenzji kollha tas-sewqan b'effett minn nofs il-lejl tallum. Il-multa ghandha tithallas fi zmien tliet snin millum, b'rata ta' €85 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien tmint ijiem millum b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' David Cassar, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn gie lliberat mit-tieni (2) u s-sitt (6) imputazzjonijiet u f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif migjuba fil-konfront tieghu, tirrevokaha fil-bqija u tilliberah minn kull htija u piena, jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant David Cassar huma s-segwenti u cioe`:-

<u>Dwar l-apprezzament tal-provi marbuta mal-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-seba' (7) u tmien (8) imputazzjonijiet:</u>

Illi bid-dovut rispett l-ewwel Qorti ghamlet zball sahansitra mhux f'okkazzjoni wahda izda f'zewg okkazjonijiet meta irriteniet li l-appellant qieghed isuq mutur meta fil-fatt jirrizulta ampjament car li mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, fl-incident in kwistjoni kienu involuti zewg vetturi, vettura tal-ghamla *Mercedes Benz* targata TAXI 110M u vettura tal-ghamla *Toyota Tercel* targata HBR 106.

Illi l-appellanti jsostni illi l-prosekuzzjoni ghalkemm ipproduciet lil Marco Gauci fis-seduta tas-7 ta' April 2017, huwa ma gharafx min kien is-sewwieq li kien qieghed isuq il-vettura li habtet mal-vettura tieghu ttargata TAXI 110M u baqghet sejra. In oltre l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci x-xhud okulari, Roderick Vassallo li kien jinsab fl-istess vettura mal-appellanti meta sehh l-incident.

Illi mir-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva kif ukoll mill-affidavit ta' PC 903 F. Farrugia, il-verzjonijiet kif moghtija minn Roderick Vassallo kif ukoll mill-appellanti huma konfliggenti fejn sahansitra l-appellanti jishaq li kien Rodrick Vassallo li kien qieghed isuq il-vettura tat-tip Toyota Tercel targata HBR 106 filwaqt li Rodrick Vassallo jghid li kien l-appellanti li kien qieghed isuq il-vettura in kwistjoni.

Illi in segwitu l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha l-obbligu legali li, a bazi tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ssib il-htija f'kaz li l-prosekuzzjoni tosserva l-obbligi taghha u tipprova l-kaz *beyond reasonable doubt*.

<u>Dwar il-piena:</u>

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti. L-esponenti jemmen bis-shih illi l-piena ta' tmintax (18)-il xahar priguneria, multa kumplessiva ta' €3,000 u sospensjoni tal-licenzja ghal tnax (12)-il xahar fuq imposta hija sproporzjonata ghalkemm fil-parametri tal-Ligi.

L-esponenti jemmen illi l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kemm fil-kwalità taghha u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantità, ma tohloqx bilanc bejn

l-aspett retributtiv u dak riformanti tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gudizzja kriminali fiz-zminiijiet tal-lum.

Illi ghalkemm l-akkuzi addebitati lill-appellanti gew allegatament kommessi waqt il-perjodu ta' *probation*, kif tista' tikkonferma l-*Probation Officer* Cherise Briffa, l-appellanti miexi fit-triq it-tajba. L-appellanti kkopera bis-shih mal-Pulizija Ezekuttiva u sahansitra anke hallas ghall-hsarat li gew kommessi fuq il-vettura ta' Marco Gauci kif ikkonfermat minnu stess fis-seduta tas-7 ta' April 2017.

L-appellanti, bhal kull persuna ohra tas-socjetà, ghandu d-dmirijiet kif ukoll id-drittijiet fundamentali tieghu li ghandhom jigu dejjem salvagwardjati, anke jekk *dato ma non concesso* huwa hati. Ghaldaqstant, l-appellanti m'ghandux ikun suggett ghal piena harxa u sproporzjonata. Fil-fatt il-piena eccessiva ta' piena karcerarja li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghogobha tinfliggi, ma tistax tigi kkunsidrata bhala piena adekwata sabiex l-imputat jirriforma ruhu u ghaldaqstant, l-appellant jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tinfliggi piena aktar gusta u ekwa.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2018.

Ikkunsidrat,

Illi bhala provi l-prosekuzzjoni resqet is-segwenti:

**PC903 F.Farrugia** xehed permezz ta' affidavit datat 13 ta' Settembru, 2016 fejn stqarr li nhar il-5 ta' Settembru, 2016 ghall-habta tas-7.00pm mar David Cassar l-ghassa tal-pulizija ta' Hal Qormi sabiex jigi mitkellem dawr rapport li kien ghamel Marco Gauci dwar incient awtomobilistiku li kien sehh Sqaq ta' Bir il-Kbir, Siggiewi fl-istess jum ghall-habta tat-8.30a.m. bejn il-vettura li kien qed isuq hu (Gauci) tat-tip Mercedes Benz numru ta' reistrazzjoni TAXI 110M u l-vettura ta' l-appellant tat-tip Toyota Tercel bin-numru ta' registrazzjoni HBR 106 fejn Gauci kien garrab xi hsarat fuq l-vettura li kien biha waqt li l-vettura l-ohra telqet minn fuq il-post.

Ix-xhud Farrugia xpejga li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBR 106 ma keintix registrata fuq Daiv Cassar izda min aktar stharrig li sar gie kkuntatjat Mavrick Fenech u dan kien stqarr li kien biegh din l-istess vettura lil David Cassar u kien ser jinfuramah sabiex jirraporta gewwa l-Ghassa tal Pulizija ta' Hal Qormi.

Izid ighid li huwa ta' d-drittijiet kollha lil David Cassar qabel ma kellmu u dan Cassar kien stqarr li l-veturra HBR 106 hija prorpjeta' tieghu u li kien xtraha madwar tlett (3) gimghat qabel minghand Marick Fenech. Cassar qal ukoll li fil-hin tal-incident hu kien passiggier u kien qed isuq certu Roderick Vassallo mis-Siggiewi u waqt li kienu sejrin l-ghalqa ta' l-istess Roderick dahlu fi-vettura TAXI 110M ta' Marco Gauci. Cassar qal ukoll li dettalji ohra ta' dan Roderick ma kellux ghaliex kienu jiltaqghu darba kultant pero' jaf li ghandu hafna tatoos fuq persuntu.

Dan Cassar stqarr ukoll li appena habtu nizel tat-taxi biex jara xi hsara kellu u rrizulta li kellu xi grif mal-bumper ta' wara. Hu qal lil Gauci u qallu li l-vettura kienet tieghu. Dan Gauci talbu l-licenzja peress li ma kienx ra l-licenzja tat-triq imwahhla mal-windscreen u dak il-hin qallu li l-vettura kient licenzjata 'for resale'. Jghid ukoll li Gauci qallu biex icaqlaq il-vettua tieghu minn fejn kient peress li kien qed jehel it-traffiku u dak il-hin makellhomx formula ta' 'front to rear' u Gauci tela' fil-karozza tieghu u telaq minn fuq il-post u huwa ghamlu bhalhom. Cassar ikkonfema li ma garrab l-ebda hsra fuq il-vettura tieghu u dan ghaliex diga' kellu grif minn qabel.

Ix-xhud jghid li meta gie muri il-polza ta' assikurazzjoni tal-vettua ra li kient tghajjat lil Maverick Fenech u li kienet mahriga mis-socjeta' Montaldo Insurance Agency Limited u kellha valididta' sa mit-18 ta' Awwissu, 2016 u tiskadi fil-31 ta' Awwissu 2017. Innota ukoll li bhala sewwieq awtorizzat kien hemm biss il-policy holder u peuni 'l fuq minn 25 sena ghalhekk Cassar ma kienx kopert ghaliex ghandu 22 sena.

Zied jghid ix-xhud li meta David Cassar mar l-ghassa huwa kien qed isuq il-vettura minkejja li ma kienx kopert bil-licenzja tas-sewqan.

**PS 274 James Turner** xehed bil-procedura tal-affidavit rilaxxjat fid-9 ta' Settembru, 2016 u qal li nhar il-5 ta' Settembru 2016 kien gie mgharraf minn Ryan Bartolo (bin Kevin li huwa dealer) li huma kienu bieghu l-vettua HBR106 tal-ghamla Toyota Tercel ta' kulur abjad lil Maverick Fenech u meta dan gie kkuntatjat gie mgharraf li dan Fenech kien biegh il-vettura lil Cassar u li kien ser icempillu biex imur l-ghassa. Jghid ukoll li in segweitu dan Cassar mar l-ghassa u ingahta id-drittijiet tieghu qabel ma gie mitkellem minnu. Cssar qallu li kien xtara il-vettura HBR 106 xi tlett gimghat qabel minghand Maverick Fenech. Mitlub jghati l-verzjoni tieghu tal-incident jghid li fil-hin

tal-incident ma kienx hu qed isuq izda kien hemm certu Roderick Vassallo mis-Siggiewi waqt li hu kien passiggier u waqt li kienu sejrin l-ghalqa ta' Rodeick dahlu fil-vettura bin-nurmu ta' registrazzjoni TAXI 110M. Qal li pero' detalji dwar dan Roderick ma tahx izda qallu li kellu persuntu mimli bit-tpingija.

Qallu li mal-habta tat-taxi nizel mill-vettua tieghu biex jara xi hsara kellu u nnota li kellu xi grif mal-bumper ta' wara. Stqarr li dan Gauci talbu ta' min kient il-karozza u wiegbu li kienet tieghu u talbu l-licenzja tal-vettura u dan qallu li l-vettura kient licenzjata ghal're sale'. Kompla izid li Gauci qallu biex icaqlaq il-vetetura min-nofs ghaliex kien qed izomm it-traffic. Cassar spjega li dak il-hin tat-taxi dahal fil-vettura tieghu u saq 'l hemm u huma ghamlu bhalu.

Ix-xhud jghid ukoll li aktar tard dak il-jum Roderick Vssallo irraporta l-ghassa wkoll u qal li fil-hin tal-incident kien David Cassar li kien qed isuq waqt li hu kien passigier ma genbu. Qalli mal-habta David nziel mill-vettura pero' ma riedx jimla l-formola tal-bumper to bumper u huwa issuggerixxa li jsuqu ghal-post fejn ma kienx hemm traffic u David qabad u saq 'l hemm u waqfu hdejn ommu. Kien hu stess li baghat il-persuna tat-taxi l-ghassa beix jghamel ir-rapport u kkonferma li ma zammx kuntatt aktar ma David Cassar.

Ix-xhud rega talab li jmur l-ghassa David Cassar biex jikkjarifika certu affarijiet fir-rapport fosthom min kien qed isuq u ghal darb' ohra insista li kien Roderick li kien qed isuq. Mistoqsi jekk kienx minnu li Roderick Vassallo mghruf bhala il-Fieres kien ser jiffirma il-karti peress li hu ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni jghid li mhux minnu. Mistoqsi jekk kienx minnu li huwa gie mitlub f'post fejn ma kienx hemm genn ta' kaorzzi u huwa qabad u saq 'l hemm ighid li mhux minnu. Rega' kkonferma li kien tat-Taxi li talbu jsuq minhabba li kien hemm it-traffic u nsista li kien Roderick li kien qed isuq dak in-nhar tal-incient. Dan Cassar stqar ukoll li kien ghamel tajjeb ghad-danni soferti minn tat-Taxi. Mitlub jghid ghaliex ma kienx Roderick li hallas ghad-danni jghid li dan m'ghandux minn fejn.

Rat dak li gie verbalizzat fl-atti fis-seduta tas-7 ta' April 2017 (fol. 18) fejn id-difiza ezentat il-proekuzzjoni mill-htiega li tressaq rappresentant ta' Montaldo Insurance biex jixhed.

Dak in-nhar ukoll il-prosekuzzjoni ipprezentat riferta posittiva ta' Roderick Vassallo li ma dehrx pero' l-prosekuzzjoni ma nsistietx fuq ix-xhieda tieghu.

**Marco Gauci** xehed u spjega illi huwa kien ghaddej bil-vettua tieghu taxi tal-ghamla Mercedes Benz fit-triq li tghaddi bejn is-Siggiewi u r-Rabat appena tohrog mis-Siggiewi hejn ir-roundabout u ceda ghall-truck li kien gej mill-faccata. Huwa kien fil-karreggjata ta' ma genb il-hajt pero' karreggjata jghid li hemm wahda biss f'dik it-triq. Dak il-hin sema hoss fuq wara tal-vettura tieghu qal li nizel mill-vettura u ra li kien hemm zewg guvintur jew tlieta fil-vettura. Pero' ma ftkarx kemm kienu, jaf li kienu ftiehmu li jiccaqilqu l-vetturi biex ma jostokalwx it-traffiku. Jghid li ma jafx min kien qed isuq izda jaf li baqa' sejjer. Is-sewwieq l-iehor kien qed isuq vettura tal-ghamla Toyota ta' kulur abjad. Bhala hsara jaf li kellu daqqa fuq wara fuq il-bumper li kellu bzonn reinfocement u spray.

Mistqosi x'ghamel wara jghid li mar l-ghassa jghamel rapport. Mistoqsi jekk ghandux ritratti tal-hsara li kellu jghid li ma kellux ghaliex il-mobile tieghu inkisirlu.

Jghid li l-vettura illum irrangaha u jghid li xi jiem wara l accident kien gie avvicinat mill-appellant biex ihalsu tal-hsara. Msitqosi mill-prosekuzzjoni jekk qallux xi kliem iehor jghid li le xejn aktar. Qal li ma jiftakarx min kien qed isuq il-vettura izda kien mar dan il-guvni u offrielu li jirrangalu l-vettura. In kontro ezami jghid li s-sewweiq ta' warajh ma kienx ibbreakja u dahal fih. Jaf li kienu tlieta fil-karozza pero' min kien is-sewweiq ma jafx.

Rat ukoll s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal nhar it-13 ta' Gunju 2016 fl-ismijiet il-Pulizija v Joseph Cassar esebita fl-atti a fol. 23 u minn esami ta' l-istes jirrizulta li l-partikularitajeit ta' Daivd Cassar hemm indikati bhala imputat huma l-istess bhal dawk tal-appellant odjern u f'din is-sentenza il-Qorti kient sabet lil David Cassar hati inter alia ta' l-akkzua ta' serq u tpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin.

Rat ic-certifikat ta' insurance (fol. 28) mahruga mis-socjeta Mapfre Middlesea plc f'isem Maverick Fenech fuq il-vettura tal-ghamla Toyota nurmu ta' registrazzjon HBR

106 fejn hemm indikat li s-sewwieq ghandu ikollu 25 sena u aktar biex isuqha. Din il-polza kienet valida sa mit-18 ta' Awwissu 2016 sal-31 ta' Awwissu 2017.

Rat l-affidavit rilaxxjat minn Stephen Cachia data 3 ta' April 2017 fejn dan ikkonferma ghan nom tat-Tranport Malta li mill-indagini li ghamel mal-Awtorita' jirrizutla li l-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjon HBR 106 kient registrata fuq Kevin Bartolo bhla 'Dealer' precizament bejn id-19 ta' Mejju 2016 u it-12 ta' Otturbu 2016 meta giet trasferita fuq terzi, il-licenzja ta' din il-vettura skadiet fil-31 ta' Awwissu, 2016 u giet rinnovata fit-12 ta' Ottubru 2016 meta giet trasferita fuq terzi.

Jghid ukoll li l-licenzja tas-sewqan ta' David Cassar giet mahruga fit-28 ta' Ottubru, 2015 u hija valida sas-27 ta' Ottubru 2025. Fid-19 ta' Ottubru, 2016 l-istess David Cassar iddikjara li tilef l-licenzja tas-sewqan u inharget ohra. Jirrizulta ukoll mill-vehicle history details esebiti minn Stephen Cachia mal-affidavit tieghu li din il-vettura Toyota giet trasferita minn fuq Kevin Bartolo ghal fuq Maveick Fenech nhar it-12 ta' Ottubru 2016 u baqghet tghajjat lilu sat-3 ta' Marzu 2017 meta dakinhar stress daret ghal fuq certu Godwin Spiteri.

Minn din i-xhieda jirrizutla is-segwenti:

1. Illi kif hemm rapportat fl-okkorenza esebita l-incident sehh nhar it-18 ta' Marzu 2016 bejn il-vettua tal-ghamla Mercedes Benz numru ta' registrazzjoni TAXI 110M misjuqa minn Marco Gauci u vettura ohra tal-ghamla Toyota ta' kulur abjad.

2. Jirrizulta li dan l-incident sehh meta Gauci kien ghaddej hiereg mis-Siggiewi sejjer lejn ir-Rabat meta kellu jieqaf u icedi ghal-truck li kien gej mid-direzzjoni opposta u s-sewwieq tal-vettura li kient warajh ma bbrejkjax u baqghet diehla go fih.

3. Hsara kien hemm biss fil-vettura ta' Gauci, limitatament fuq il-bumper ta' wara.

4. Xhieda okkulari tal-incident ma xehdux minkejja li l-proskeuzzjoni esebiet ir-riferta posittiva tax-xhud Roderick Vassallo li kien rikeb fil-vettura Toyota.

5. L-appellant hallas l-hsara sofferta minn Gauci pero' ma jirrizutlax lanqas il-quantum.

6. Il-parte civile Marco Gauci ma gharafx is-sewweiq tal-vettua li dahlet go fih pero' jaf li fil-vettura kien hemm tlett guvintur.

7. Illi l-vettura Toyota nurru ta' registrazzjoni HBR 106 fil-jum tal-incident kienet tghajjat lil Kevin Bartolo.

8. Maverick Fenech sar sid il-vettura wara d-data tal-incident u cioe' nhar it-12 ta' Ottubru 2016.

9. Illi l-vettura kienet koperta b'polza ta' sigurta skont id-dokument esebit (fejn id-difiza ma insistitx li ghandu jigi kkonfemat) fuq sewwieqa li kellhom il-fuq minn 25 sena u dan waqt li l-polza kienet tghajjat lil Maverick Fenech.

10. Li David Cassar kien instab hati ta' akkuza ta' serq mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Gunju, 2016 u nghata probation order ghall-perijodu ta' tlett snin.

11. Illi David Cassar kien kopert b'licenzja tas-sewqan fil-jum tal-incident kif kkonferma Stephen Cachia.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha sabet lill-appellant hati ta' certu akkuzi u appuntu l-akkuzi l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-seba' akkuzi pero' fl-istess hin tghid li l-appellant dakinhar kien qed isuq mutur. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda accen ghall-fatti proprju mertu tal-kaz izda ghamlet enuncjazzjoni studjata limitata biss fuq il-kwistjoni jekk polza ta' assikurazzjoni in vigore li tkun limitata ghal-sewwieq wiehed tkoprix ukoll sewwieq iehor minkejja li m'ghandux l-eta rikjesta biex isuq il-vettura talvolta koperta bi polza.

Din il-Qorti pero trid tmur oltre u tindirizza fid-dettal il-fatti specie tal-kaz partikolari.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[1]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]"; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4]" u ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn

LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**[5]") (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall

---

1 Deciz nhar it-12 ta' Mejju 1994

2 Deciz fl-14 ta' Frar 1989

3 Deciz fil-31 ta' Mejju 1991

4 Deciz fil-31 ta' Mejju 1991

5 ([1969] 1 QB 276

feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392).

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[6]", nghad illi:-

"*Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa*

*li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, that ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.*"

Illi inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**[7]" deciza minn din il-Qorti li:-

"*Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti, u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn aktar, hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi w tirrimpjazzaha b' taghha, kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, ragjonevolment u legalment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem jinghad, mhux lecitu ghal din il-Qorti li tinvadi t-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun*

[6] Deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994

[7] Deciza fil-5 ta' Lulju, 2002

*manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri, irid ikun in kontradizzjoni manifesta w assoluta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b' mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala assolutament infondat.*

*Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda".*

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt,' kif gie deciz fil-kawza "**Pulizija vs Bugeja**[8]". Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.

Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat illum appellant oltre` kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

[8] Deciz fis-6 ta' Marzu, 1987

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**Pulizija vs Peter Ebejer**[9]" qalet illi:-

*"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "**Miller v. Minister of Pensions**[10]" tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice[11]".*

Illi fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament ta' provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm verzjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati, il-funzjoni, anzi id-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti - kif del resto gieli ghamlet - tiddisturba l-gudizzju tal-gurati, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-verzjoni minnhom emmnuta.

[9] Deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997

[10] [1974] 2 All E.R. 372

[11] 373-374

Jinghad li f'dan il-kaz hafna mix-xhieda prodotta hija dik dokumentarja u skritta salv u b'eccezzjoni ghax-xhud pari leza Marco Gauci li xehed viva voce. Il-grad ta' prova li l-akkuzat irid jasal ghalih wkoll fil-kuntest tal-provi kollha prodotti.

Illi din il-Qorti fliet l-atti processwali, rat u qrat ix-xhieda kollha prodotti, u jidhrilha li hemm raguni legalment valida' fit-termini appena msemmija ghaliex ghandha b'xi mod tvarja xi haga minn dak li ddecidiet l-ewwel Qorti dwar il-htija ta' l-appellant.

Fl-ewwel lok jinghad li l-prosekuzzjoni kient rinfaccjata b'certu provi sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u dan qed jinghad dwar min effettivament kien qed isuq il-vettura Toyota HBR 106 fil-hin ta' l-incident. Dan qed jinghad ghaliex l-appellant (u dan mhux kontestat minnu) kien stqarr mal-ufficjali tal-pulizija li kienu qed jinvestigaw il-kaz li ma kienx hu li kien qed isuq fil-mument tal-habta u jghid li kien certu Roderick Vassallo. PC 902 Farrugia jghid li a bazi tal-informazzjoni moghtija lilu mill-appellant ma jafx minn kien dan Roderick Vassallo. Pero' skond ix-xhieda ta' PS 274 James Turner il-proskeuzzjoni saret taf min hu dan Roderick Vassallo tant li mar l-ghassa u ta, l-verzjoni tieghu fejn allegatament stqar li hu ma kienx qed isuq fil-mument tal-habta izda kien l-appellant. Il-prosekuzzjoni marret pass oltre u harkitu biex jidher il-Qorti u pprezentat riferta posittiva tieghu fl-atti tal-kawza pero' ma insistietx li ghandu jixhed u jghati l-versjoni tal-fatti kif mghrufa minnu. Ghalhekk dak li seta qal lill-PS 274 wat l-investigazzjoni li kien qed izomm l-ghassa ghandha tigi skartata ghaleix ma tikkostitwix prova ammissibli fil-ligi. Di piu' l-parte civile Marco Gacui ghal darba darbtejn ighid li hu ma gharafx lis-sewweiq tal-karozza li dahlet go fih. Mistoqsi jgharafx lill-appellant fl-awla jghid li jgharfu bhala l-persuna li halsitu tad danni li huwa sofra fil-vettura tieghu.

Ghalhekk bhala prova ta' min kien qed isuq il-vettura Toyota HBR 106 fl-atti ma hemmx. Din il-Qorti ma titax tasal ghall-konluzjoni kif donnha riedet tfisser il-proskeuzzjoni fit-trattazzjoni taghha li una volta l-appellant ghamel tajjeb ghad-danni allura ergo' fisser li kien hu qed isuq ghax altrmienti ma kellux interess li

ihallas l-ispejjez. Jinghad li seta kien il-kaz li dan Roderick Vassallo tah xi flus u hallashom ghan nom tieghu?

In oltre l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha isemmi li l-appellant kien qed isuq mutur meta fir-realta mutur fl-incident awtomobilistku fejn sofra xi danni Marco Gacui ma kienx hemm. Ghalhekk prova li kien l-appellant li kien qed isuq fil-mument tal-habta fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx zgur, almenu sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk din il-Qorti ma titax issib lill-appellant hati ta' l-ewwel hames akkuzi.

Dwar it-tieni incident u cioe' dak li sehh fi triq il-Kbira, Qormi bejn is-6.30 u is-7.00 jinghad li ma tantx hemm provi xi jigu analizzati. Kemm il-parte civile kif ukoll l-appellant huma siekta fuq dan l-episodju minkejja li l-appellant kien jaf b'din l-affermazzjoni tal-prosekuzzjoni tramite l-affiavit ta' PS 274 James Turner.

PS 274 James Turner fl-affidavit tieghu jghid li meta l-appellant gie mistoqsi sabiex imur sa l-ghassa ta' Hal Qormi u jiehu il-polza ta' sigurta tal-vettura tieghu HBR 106 dan mar nhar il-5 ta' Settembru 2016 wahdu bl-istess vettura. Hemmhekk l-ufficcjal innota li l-appellant ma kienx kopert b'polza ta' sigurta u ghalhekk talbu biex ihalli l-vettura tieghu hemm u Maverick Fenech gie mghajjat u kien hu li nehha l-karozza minn quddiem l-ghassa. Dan ghamlu ghaliex il-pulizja ma riedx li l-appellant jitlaq minn hdejn l-ghassa meta ma kienx kopert bil-polza ta' sigurta.

Dwar l-akkuza nurmu 7 u cioe' li ma wahhalx il-licenzaja fuq ix-xellug tal-windscreen hadd mix-xhieda ma xehed dwar dan il-fatt u ghalhek zgur li ma tirrizultax. Jibqa ghalhekk li jigu trattati iz-zewg akkuzi u cioe in-numru sitta u tmienja u cioe' jekk fil-jum inwkistjoni l-appellant kienx kopert b'licenzja tas-sewqan u jekk kienx kopert bil-polza ta' sigurta fuq il-vettura.

Dwar l-akkuza tal-licenzja tas-sewqan jinghad li skond ix-xhud Stephen Cachia, rapprezentant ta' Transport Malta il-licenza tas-sewqan tal-appellant hija valida sas-27 ta' Ottubru 2025 u ghalhekk mhemmx dubbju li fil-jum in kwisjtoni kellu licenzja tas-sewqan valida.

Dwar l-akkuza li ma kienx kopert b' polza ta' sigurta jinghad is-segwenti. Din il-Qorti hija konxja tal-fatt li hemm zewg teoriji li gew abbracjat minn dawn il-Qrati u cioe' dik enuncjata minn din il-Qorti divsersament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **il Pulizja vs Mirko Giannetti**[12] fejn inghad li :-

*"Tqum il-kwsitjoni jekk l-appellant kienkopert b'din l-assikurazzjoni. Ir-rappresentant tal-assikurazzjoni xehed li anki din il-vettua kient qed tigi misjuqa mill-appellant l-assikurazzjoni kient tkopri d-danni li setghu saru mill-appellant. Ghalhekk hu car li it-terz li garrab kwalunkwe tip ta' hsara hu kopert. Naturalment hu car li l-appellanti jkun soggett ghall-azjoni d'aparti tal-assikruazzjoni ghar refusjoni tal-flus li tkunhalset l-assikurazzjoni biex tkopri t-terz."*

*Illi hu car li f'kazijiet bhal dawn il-ligi tesigi li t-terz jigi dejjem salvagwardat minn kwlaunkwe persuna li tkun qed isuq. Dan l-argument ma jreggix jekk il-vettura inkwistjoni ma tkunx kopert b'edba forma ta' asikruazzjoni. F'dan il-kaz partikolari kien hemm polza ta' assikruazzjoni vallida li tkompri l-vetttura mertu ta' dan il-kaz."*

U is-sentezna mghotija wkoll minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Andre Apap**[13], f'dak il-kaz is-sewwieq kellu polza li fid-data tal-incident ma baqghetx fis-sehh. Inghad is-segwenti:-

*"Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha **Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi**[14] , **Il-Pulizija vs Stefan Apap**[15] , u **il-Pulizija vs Charles Galea**[16] u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-sub artikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu car u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug that l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma thallix lok ghal ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforz biex id-*

[12] Deciza nhar it-22 ta' Jannar 2014

[13] Deciz fl-4 ta' frar 2011.

[14] 3 ta' Novembru 2005

[15] 26 ta' April 2007

[16] 7 ta' Mejju 2007

*dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tigi rikonciljata permezz ta' process ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap ghaliex iz-zewg dispozizzjonijet jirregolaw sitwazzjonijiet diversi. L-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 jirregola x'jigri fi proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kap jirregola ir-rizarciment mill-assikurazzjoni ghal xi responsabbilta' ghal dejn civili li ghandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kap 104 il-pozizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) tal-istess Kap tibqa' mhux mittiefsa u cioe' li fi proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 kemm-il darba l-akkuzat ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) jigi prezunt li ma kienx hemm polza ta' l-assigurazzjoni fis-sehh skond kif mehtieg fl-artikolu 3(1) imsemmi".*

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li s-serhan tal-mohh li vittma ghandu cans ghar-rizarciment tad-dannu li sofra civilment minhabba il-fatt li l-vettua kient koperta bi polza ta' sigurta bl-ebda mod ma ifisser jew ghandu jinftiehem li kull sewwieq fi-triq ghandu ikun assigurat u fin-nuqqas jisntab hati ta' dan ir-reat. Il-ligi u cioe' l-artikolu 3(1) (A) tal-Kap 104 tal-Ligijeit ta' Malta hija cara fuq dan il-punt u tipprovdi

*"Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza,ħadd ma jista' jużа jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tużavettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vetturaminnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħpolza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*

*(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reattaħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikattal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)"*

Illi fil-kaz in desamina jidher car li l-appellant ma kienx kopert b' polza ta' sigurta u ma ipprevalixxiex ruhu mis-sub-artikolu fuq imsemmi billi ma pprezenta l-ebda polza ta' sigurta li kienet tkopri lilu.

Dwar id-disgha akkuza u cioe li kkometta reat iehor waqt il-pendenza ta' Probation Order jinghad li una volta din il-Qorti sabitu hati tat-tmien akkuza din l-akkzua tirrisulta provata billi ikkometta dan ir reat fil-pendenza taghha u ghalhekk din il-Qorti trid tittratta mill-gdid mal-appellant fir-rigward ta din is-sentenza .

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-appellant fir-rigward tat-tieni u s-sitt akkuza fejn l-ewwel Qorti ma sabitux hati taghhom u ghalhekk tikkonferma dik il-part tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u qieghda tilqa' l-appell tal-appellant fejn talab revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' akkuza u tilliberah minnhom u qieghda tichad l-appell tal-appelant ghar-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza fejn sabithu hati tat-tmien u d-disgha akkuza peress li tali akkuzi jirrizutlaw pruvati sodisfacentement.

Dwar il-piena moghtija mill-ewwel Qorti din il-Qorti qed tirrevokaha u minflokk fir-rigward tat-tmien akkuza fejn din il-Qorti sabet lill-appellant hati qed tikkundannah ihallas multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) liema multa tista' tigi imhalsa b'pagamenti mensili ta' mitt euro ( €100) ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li din il-multa tista' tithallas bl-istess modalita' ordnata mill-ewwel Qorti ta' €85 fix-xahar, l-ewwel pagament dovut sa mhux aktar tard mill-21 ta Ottubru, 2018 b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilac jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Qieghda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghall-perijodu ta' sena pero' s-sena tibda' tiddekorri m'illum f'12.00am.

Dwar id-disgha akkuza, din il-Qorti filwaqt li qeghda tikkonferma s-sejbien tal-htija kif espressa mill-ewwel Qorti qieghda ukoll tikkonferma l-piena inflitta minnha u ghalhekk qieghda tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' tmintax-il xahar prigunerija effettiva

Ghalhekk b'kollox l-appellant ghandu ihallas il-multa ta' €2,329.37, kif ukoll is-sospensjoni tal-licenzji tieghu tas-sewqan ghall-sena dwar it-tmien akkuza u tmintax-il xahar prigunerija fir-rigward tad-disagha akkuza

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur